DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Frar 2014

dwar miżura adottata mid-Danimarka skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi tip ta' makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u l-ġarr ta' materjal

(notifikata bid-dokument C(2014) 633)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/78/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2006/42/KE, l-awtoritajiet Daniżi nnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar miżura relatata ma' makkinarju tas-serje *Avant 600*, immanifatturat mill-kumpanija Avant Tecno Oy, Ylötie 1, FIN-33470 Ylöjärvi, il-Finlandja. Il-makkinarju kellu l-marka KE u kien akkumpanjat b'Dikjarazzjoni tal-Konformità tal-KE skont id-Direttiva 2006/42/KE dwar il-makkinarju, id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] dwar il-kompatibilità elettromanjetika u d-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] dwar l-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra.

(2) Il-makkinarju tas-serje *Avant 600* huwa makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u l-ġarr ta' materjal, li miegħu jistgħu jitwaħħlu għadd kbir ta' aċċessorji biex iwettaq diversi funzjonijiet differenti f'bosta oqsma, li jinkludu l-forestrija, l-agrikoltura, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-pajsaġġi, il-kura tal-art, il-manutenzjoni tal-proprjetajiet, il-ġarr ta' materjal, it-tħaffir u l-kostruzzjoni.

(3) Din il-miżura Daniża ġiet adottata minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-makkinarju mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fit-taqsima 3.4.4 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li jesiġi li fejn, fil-każ ta' makkinarju li jimxi waħdu b'operatur riekeb fuqu, ikun hemm ir-riskju li jaqgħu fuqu oġġetti jew materjali, il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jittieħed kont ta' dan ir-riskju u jkun mgħammar, jekk id-daqs jippermetti, bi struttura ta' protezzjoni xierqa.

(4) L-awtoritajiet Daniżi indikaw li, minkejja li diversi funzjonijiet li l-makkinarju huwa maħsub għalihom jesponu lill-operatur riekeb fuqu għal riskji minħabba oġġetti jew materjal li jistgħu jaqgħu, il-makkinarju tqiegħed fis-suq mingħajr struttura ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS — falling object protective structure). L-awtoritajiet Daniżi talbu lill-manifattur biex jieħu miżuri korrettivi. Peress li din it-talba ma ġietx milqugħa, l-awtoritajiet Daniżi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-makkinarju tas-serje *Avant 600* mingħajr FOPS u taw ordni lill-manifattur biex jieħu azzjoni korrettiva fir-rigward tal-makkinarju li diġà tqiegħed fis-suq.

(5) Il-Kummissjoni kitbet lill-manifattur, fejn talbitu jesprimi l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-miżura li ġiet adottata mid-Danimarka. Fit-tweġiba tiegħu, il-manifattur indika li s-serje *Avant 600* kienet mgħammra b'kabina ttestjata mill-Korp Notifikat MTT-Vakola Nru 0504. Il-kabina kienet dejjem mgħammra bi struttura ta' protezzjoni fil-każ tal-qlib (ROPS — roll-over protective structure) u għandha l-għażla li tista' tintrema wkoll b'FOPS. Meta l-makkinarju jinbiegħ għall-użu fl-agrikultura, il-manutenzjoni tal-proprjetà, il-ġestjoni tal-pajsaġġi jew għall-użu fl-istalel, pereżempju, fejn ma jkunx hemm riskju minn oġġetti li jaqgħu, ma jiġix mgħammar FOPS. Min-naħa l-oħra, meta l-makkinarju jinbiegħ għal applikazzjonijiet fejn hemm riskju minn oġġetti li jaqgħu, bħal pereżempju, l-użu fil-minjieri, il-makkinarju dejjem jiġi mgħammar b'FOPS. Il-manifattur iddikjara wkoll li kien iddeċieda li jiċċara l-manwal tal-istruzzjonijiet u l-ktejjeb ta' informazzjoni tal-bejgħ sabiex jispeċifikaw f'liema sitwazzjonijiet għandha tintuża kabina mgħammra b'FOPS.

[1] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

[2] Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24).

[3] Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewpopew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

(6) It-taqsima 1.1.2(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE tesiġi li l-makkinarju jiġi ddisinjat u mibni b'tali mod li jkun adattat għall-funzjoni tiegħu, u li jista' jitħaddem, ikun aġġustat u miżmum mingħajr ma jpoġġi lill-persuni fir-riskju meta jsiru dawn l-operazzjonijiet fil-kondizzjonijiet previsti iżda filwaqt li jittieħed kont ukoll ta' kwalunkwe użu ħażin tiegħu li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli. L-iskop tal-miżuri meħuda għandu jkun li jiġi eliminat kwalunkwe riskju matul il-ħajja prevista tal-makkinarju inklużi l-fażijiet tat-trasport, tal-immuntar, taż-żarmar, tal-waqfien tat-tħaddim tiegħu u tar-rimi. Il-miżuri għandhom jittieħdu skont il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sikurezza stabbiliti fit-taqsima 1.1.2(b) tal-Anness I li jagħtu prijorità lill-miżuri protettivi integrati u mhux lill-informazzjoni għall-utenti.

(7) Fil-każ ta' makkinarju multifunzjonali għat-tħaffir u l-ġarr ta' materjal bħalma hija s-serje *Avant 600*, anke jekk makkinarju partikolari inizjalment jiġi mibjugħ għal funzjonijiet jew għall-użu f'ambjenti li ma jinvolvux riskju ta' oġġetti jew materjal li jistgħu jaqgħu, huwa possibbli li matul il-ħajja prevista tiegħu, dan il-makkinarju jintuża għal funzjonijiet maħsuba oħra jew f'ambjenti li jesponu lill-operaturi għal dak ir-riskju. Konsegwentement, ir-riskju ta' oġġetti jew materjal li jistgħu jaqgħu għandu jitqies fil-fażijiet tad-disinn u tal-bini tal-makkinarju.

(8) L-analiżi tal-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi u tal-osservazzjonijiet espressi mill-manifattur tikkonferma li l-makkinarju tas-serje *Avant 600* mingħajr FOPS ma jikkonformax mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fit-taqsima 3.4.4 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskju serju ta' korriment għall-operaturi rekbin fuqu minħabba oġġetti u materjal li jistgħu jaqgħu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura adottata mill-awtoritajiet Daniżi li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju tas-serje *Avant 600* li mhux mgħammar bi struttura ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS) u li tesiġi lill-manifattur biex jieħu azzjoni korrettiva fir-rigward tal-makkinarju li diġà tqiegħed fis-suq hija ġġustifikata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President